MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 819/2008

Sylvana **TANTI**

vs

Noel **TANTI**, Antoine Tanti, u Direttur Ġenerali Dipartiment tal-Kummerċ

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-11 ta' Awwissu, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi talbet li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin żewġha Noel Tanti u ħuh Antoine Tanti mxew b'mala fidi u qerq bi ħsara għaliha meta l-permessi jew liċenza tal-kummerċ tal-ħanut "*The Champ Pastizzerija*" li jinsab f'numru ħamsa u sittin (65), Triq San Ġorġ, San Ġiljan, u l-permess fuq ħanut ieħor bl-istess isem "*The Champ Pastizzerija*" li jinsab f'numru erbgħa (4), Triq in-Naxxar, San Ġiljan[1], għaddew fuq isem l-istess imħarrek Antoine Tanti u dan ukoll għall-finijiet tal-artikoli 1326 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) issib li d-Direttur imħarrek mexa b'negliġenza u traskuraġni meta laqa' t-talba tal-imħarrek Noel Tanti għat-trasferiment tal-imsemmija permessi; (ċ) issib li l-imsemmija trasferimenti ta' permessi jew liċenzi ta' kummerċ tal-ħwienet "*The Champ Pastizzerija*" f'numru 65, Triq San Ġorġ, San Ġiljan u "*The Champ Pastizzerija*" f'numru 4, Triq in-Naxxar, San Ġiljan[2], ma jiswewx, u fin-nuqqas; (d) issib li l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għad-danni li hija ġarrbet u li l-Qorti għandha tillikwidahom bil-ħatra ta' esperti mqabbdin minnha, u tikkundanna lill-istess imħarrkin, jew lil min minnhom, biex iħallsuha d-danni hekk likwidati. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Awwissu, 2008, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mid-Direttur Ġenerali mħarrek fit-22 ta' Settembru, 2008, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, għaliex l-azzjoni attriċi ma tirrigwardax impunjazzjoni ta' att amministrattiv, imma

[1] *Recte:* San Ġwann
[2] *Ibid.*: San Ġwann

tikkonċerna biss azzjoni relattiva għar-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti li hemm bejn l-attriċi u l-imħarrek Noel Tanti. Fil-mertu, qal li t-talbiet tal-attriċi ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu għaliex huwa mexa sewwa u b'ħarsien tal-liġi u fis-setgħat lilu mogħtija mil-liġi. B'mod partikolari, qal li l-liċenza tal-kummerċ tinħareġ fuq min fattwalment ikun imexxi l-istabiliment liċenzjat; qal li, għall-kuntrarju ta' dak li tgħid l-attriċi, ma sar l-ebda trasferiment ta' liċenzja jew permessi tal-ħanut f'San Ġwann; qal illi, fil-każ tal-ħanut f'San Ġiljan, inkisbu l-firem bil-kunsens tal-partijiet interessati kollha (magħdud sid il-post), saru dikjarazzjonijiet mill-imħarrek Noel Tanti dwar l-istatus tiegħu, tħallsu d-drittijiet kollha u għalhekk ma kellux għażla li jwaqqaf it-trasferiment;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin aħwa Tanti fl-24 ta' Settembru, 2008, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu għall-azzjoni tal-attriċi billi, b'mod preliminari, eċċepew il-pendenza ta' kawża oħra fuq l-istess mertu ("*lis alibi pendens*") ma' kawża oħra miftuħa minnha quddiem din il-Qorti[3], bid-differenza waħdanija tkun li f'din il-kawża ddaħħal bħala mħarrek id-Direttur Ġenerali tal-Kummerċ; u li din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża għaliex ladarba hija azzjoni maħsuba skond l-artikolu 1326 tal-Kodiċi Ċivili, l-kawża messha tressqet quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-azzjoni mhix mogħtija f'dan il-każ għaliex dak li għamel Noel Tanti ma jaqax taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet fejn kien jeħtieġ il-kunsens tal-mara, u li l-azzjoni tressqet wara ż-żmien għaliex l-attriċi kien ilha taf li żewġha irrinunzja għall-kirja, u lanqas trieġi kontra l-imħarrek Antoine Tanti, billi azzjoni bħal din hija mogħtija biss bejn il-miżżewġin u mhux kontra terzi. Żiedu jgħidu li l-kuntratt li sar bejn l-imħarrek Antoine Tanti u sid il-ħanut (Maria Perrett) huwa *res inter alios acta* kemm għall-attriċi u kif ukoll għal żewġha l-imħarrek Noel Tanti;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Mejju, 2009[4], li bih qiegħdet il-kawża għas-smigħ;

---

[3] Rik. Nru. 633/08JZM
[4] Paġ. 27 tal-proċess

Rat il-verbal tas-smigħ tat-13 ta' Ottubru, 2009[5], li bih l-imħarrkin aħwa Tanti irtiraw it-tieni eċċezzjoni preliminari tagħhom;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Ottubru, 2009 li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistenta Ġudizzjarja biex tiġbor il-provi tal-partijiet, bla ħsara għall-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin aħwa Tanti;

Rat ix-xhieda mismugħa mill-Assistent Ġudizzjarju u kif ukoll qieset il-provi dokumentali mressqin quddiemha matul l-istadju tal-ġbir tal-provi;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Frar, 2012[6], li bih laqgħet talba magħmula mill-imħarrkin aħwa Tanti b'rikors tagħhom tal-5 ta' Diċembru, 2011, biex jitħallew iressqu eċċezzjoni ulterjuri;

Rat it-Tweġiba Maħlufa ulterjuri mressqa mill-imħarrkin aħwa Tanti fit-2 ta' Marzu, 2012, li biha qalu li l-azzjoni attriċi tressqet wara ż-żmien ta' sitt xhur stabilit għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' April, 2012[7], li bih laqgħet it-talba magħmula mid-Direttur imħarrek b'rikors tiegħu tas-26 ta' Marzu, 2012, biex huwa wkoll jitħalla jressaq eċċezzjoni ulterjuri;

Rat it-Tweġiba Maħlufa Ulterjuri mressqa mill-imħarrek Direttur Ġenerali li biha, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu mressqa fit-Tweġiba Maħlufa oriġinali tiegħu, qal li l-azzjoni attriċi nfetħet wara ż-żmien mogħti bl-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

---
[5] Paġ. 29 tal-proċess
[6] Paġ. 198 tal-proċess
[7] Paġ. 207 tal-proċess

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni ulterjuri mressqa mill-imħarrkin kollha dwar jekk il-kawża nfetħitx wara ż-żmien;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari ulterjuri;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba biex issib li t-trasferiment ta' liċenza tal-kummerċ ta' żewġ ħwienet saret b'qerq u minn wara dahar l-attriċi u għat-tħassir tal-istess trasferiment u l-ħlas tad-danni mġarrba mill-attriċi għal dak l-egħmil;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin Tanti laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet, uħud minnhom ta' bixra preliminari u wkoll fil-mertu;

Illi l-istess ħaġa tingħad għall-imħarrek Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kummerċ li, b'mod preliminari, qal li ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, għaliex l-azzjoni ma tirrigwardax l-impunjazzjoni ta' att amministrattiv imma hija biss azzjoni li tolqot kwestjoni dwar il-komunjoni tal-akkwisti bejn l-attriċi u wieħed mill-imħarrkin u mhux lilu wkoll. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi, madankollu, wara li l-kawża kienet ilha miexja mhux ħażin u qiegħda toqrob lejn tmiemha, kemm l-imħarrkin Tanti u kif l-imħarrek Direttur Ġenerali, talbu u qalgħu l-permess li jressqu eċċezzjoni oħra. Biha huma jgħidu li l-azzjoni attriċi tressqet wara ż-żmien maħsub fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, minħabba li, mill-provi ħareġ li l-attriċi kienet ilha taf aktar minn sitt (6) xhur qabel fetħet il-kawża bit-trasferiment tal-liċenza li b'din il-kawża trid li jitħassar;

Illi minħabba li l-imsemmija eċċezzjoni hija waħda perentorja tal-ġudizzju, din is-sentenza qiegħda tingħata dwarha biss, għaliex m'għandux għalfejn jingħad li, jekk kemm-il darba tintlaqa', l-kawża jkollha tieqaf hawn;

Illi mill-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attriċi u l-imħarrek Noel Tanti huma miżżewġin lil xulxin. Huma żżewġu fid-29 ta' Lulju tal-1990, iżda nqalgħu problemi fiż-żwieġ tagħhom u għal dawn l-aħħar disa' snin qegħdin il-Qorti f'kawża għall-firda personali[8]. L-imħarrek Antoine Tanti jiġi ħu l-imħarrek Noel Tanti;

Illi wara li l-attriċi u l-imħarrek Noel Tanti żżewġu, kienu nkisbu (b'xiri jew b'kiri) xi postijiet li ntużaw bħala stabilimenti kummerċjali li minnhom l-istess imħarrek kien jagħmel il-pastizzi u ikel ieħor ta' dik il-qatgħa. Fost il-postijiet, kien hemm wieħed fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan, li kien inkera mill-attriċi u żewġha fit-8 ta' Frar, 2001[9]; u ieħor fi Triq in-Naxxar, San Ġwann, li kien inkiseb mill-imħarrek Noel Tanti b'enfitewsi li jagħlaq ftit qabel ma l-attriċi u hu żżewġu fl-1990[10];

Illi wara li nżamm bla riżultat fejjiedi l-proċess tal-medjazzjoni, b'degriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tas-6 ta' Diċembru, 2004[11], l-attriċi

[8] Ċitazz. Nru. 1/2005RGM
[9] Dok "ID1", f'paġġ. 151 – 3 tal-proċess
[10] Dok "ST1", f'paġġ. 115 – 8 tal-proċess
[11] Dok "8", f'paġ. 98 tal-proċess

ngħatat l-awtorizżazzjoni biex tiftaħ kawża għall-firda personali minn ma' żewġha Noel Tanti. Il-kawża nfetħet fit-3 ta' Jannar, 2005;

Illi bi ftehim li sar ma' sid il-post fl-14 ta' April, 2005[12], l-imħarrek Noel Tanti temm il-kirja tal-ħanut f'San Ġiljan, u dak inhar stess l-imħarrek Antoine Tanti daħal fi ftehim ta' kirja dwar l-istess post mas-sid[13]. L-attriċi ma kenitx imdaħħla f'dawn il-ftehim;

Illi ftit taż-żmien wara dan, għall-ħabta ta' Lulju tal-2005, hija kitbet ittra lid-Direttur imħarrek[14] biex tavżah biex ma jilqa' l-ebda talba li seta' jagħmillu żewġha dwar bdil tal-permessi fuq il-ħwienet ta' San Ġiljan u ta' San Ġwann;

Illi b'ittra mibgħuta lid-Direttur imħarrek fit-30 ta' Novembru, 2006[15], l-avukat tal-imħarrek Noel Tanti talbu biex idawwar il-liċenza tal-kummerċ tal-ħanut f'San Ġiljan minn fuq isem il-klijent tiegħu għal fuq isem ħuh;

Illi waqt li l-attriċi kienet għaddejja riekba f'karozza quddiem il-ħanut ta' San Ġiljan fi Frar tal-2007[16], inqala' inċident bejnha u l-imħarrek Antoine Tanti li matulu, minn kliem li qalilha, taha x'tifhem li kien sar xi ħaġa dwar it-tmexxija tal-istess ħanut. Kemm hu hekk, wara li dak inhar stess marret tagħmel rapport fl-Għassa ta' San Ġiljan dwar dak li ġara, baqgħet sejra d-Dipartiment tal-Kummerċ biex tistaqsi x'ġara u hemmhekk Brian Montebello, Assistent Direttur, ikkonfermalha li l-permessi dwar il-ħanut f'San Ġiljan kienu ddawru minn fuq isem żewġha għal fuq isem ħuh;

[12] Dok "ID2", f'paġ. 154 tal-proċess
[13] Dok "ID3", f'paġ. 155 tal-proċess
[14] Dok "BM1", f'paġ. 41 tal-proċess
[15] Dok "7" f'paġ. 97 tal-proċess
[16] Affidavit tal-attriċi f'paġ. 78 tal-proċess

Illi fis-7 ta' Marzu, 2007[17], l-attriċi ressqet protest ġudizzjarju kontra l-Ministru għall-Investiment, Industrija u Informatika u kontra d-Direttur imħarrek biex tilminta magħhom għat-trasferiment li qalet li sar tal-liċenzi kemm tal-ħanut f'San Ġiljan u kif ukoll dak f'San Ġwann, u talbithom biex iħassru l-imsemmija trasferimenti tal-permessi u biex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li hija ġarrbet minħabba f'dak li sar minkejja t-twissija li hija kienet ilha li tat lid-Dipartiment. Wara dan il-protest ġudizzjarju, l-attriċi kitbet ittra direttament lid-Direttur Ġenerali mħarrek fit-18 ta' Ġunju, 2007[18], biex titlobu jistħarreġ kif ġara li l-permessi taż-żewġt iħwienet f'San Ġiljan u San Ġwann kienu trasferiti minkejja l-avviż li kienet bagħtet sentejn qabel;

Illi b'ittra mibgħuta lill-attriċi fl-24 ta' Jannar, 2008[19], id-Direttur imħarrek għarrafha li ma setax jilqa' t-talba tagħha biex ireġġa' lura t-trasferiment tal-permessi sakemm jinqatgħu l-kawża tal-firda personali u l-kawżi meħuda mill-Pulizija kontra żewġha quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali. Fid-19 ta' Ġunju, 2008, l-attriċi bagħtet ittra uffiċjali kontra l-imħarrek Direttur Ġenerali u l-Avukat Ġenerali, għal liema att ġudizzjarju dawn wieġbu b'ieħor bid-data tat-30 ta' Ġunju, 2008[20] biex jiċħdu l-pretensjonijiet tagħha u jgħidulha ma tkomplix tisħaq bil-proċeduri kontrihom;

Illi l-attriċi fetħet din il-kawża fil-11 ta' Awwissu, 2008. Fid-29 ta' Awwissu 2008[21], l-Uffiċċju tal-Ombudsman bagħat lill-attriċi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-ilment li hija kienet ressqet quddiemu dwar it-trasferiment tal-liċenza tal-kummerċ tal-ħanut f'San Ġiljan;

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet legali dwar l-eċċezzjoni ulterjuri taħt eżami. Kif ingħad, din l-eċċezzjoni tqajmet mill-imħarrkin kollha żmien sewwa wara li l-kawża kienet miexja. L-imħarrkin jgħidu li dan setgħu jagħmluh biss wara li raw xi provi

[17] Dok "BM5" f'paġġ. 53 – 4 tal-proċess
[18] Dok "BM8", f'paġġ. 58 sa 61 tal-proċess
[19] Dokti "BM6" u "ID5", f'paġġ. 55 – 6 u 176 – 7 tal-proċess
[20] Dok "BM7", f'paġ. 57 tal-proċess
[21] Dok "10", f'paġġ. 104 – 5 tal-proċess

dokumentali li tressqu fl-atti tal-kawża mill-attriċi. Minħabba li hija eċċezzjoni perentorja tal-ġudizzju, setgħet titqajjem ukoll wara li l-każ kien ilu jinstema’[22] u ma kienx ikun sewwa li l-Qorti ma tħallix li dik l-eċċezzjoni titressaq[23];

Illi l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri timxi fuq dak li jgħid l-artikolu 469A(3) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, u jiġifieri li kawża biex twaqqa’ egħmil amministrattiv taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-imsemmi artikolu għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew sata’ sar jaf, skond liema jiġi l-ewwel, b’dak l-egħmil amministattiv;

Illi biex din l-eċċezzjoni tasal li tkun mistħarrġa, irid jirriżulta wkoll li l-azzjoni li fiha titqajjem dik l-eċċezzjoni tkun waħda ta’ stħarriġ ġudizzjarju. Dan qiegħed jingħad għaliex bejn il-partijiet hemm nuqqas ta’ qbil dwar jekk l-azzjoni attriċi hijiex tabilħaqq waħda ta’ stħarriġ ġudizzjarju jew inkella waħda mħallta ta’ tħassir ta’ ftehim u ħlas għad-danni. Minbarra dan, għallanqas safejn jirrigwarda lill-imħarrek Direttur Ġenerali, din l-eċċezzjoni ulterjuri mqajma minnu stess tinsab f’kuntrast għall-aħħar mal-ewwel eċċezzjoni tiegħu li biha huwa jgħid li ma messux tħarrek f’din il-kawża għaliex (fi kliemu) “t-talba tar-rikorrenti ma tirrigwardax impunjazzjoni ta’ att amministrattiv”. Kemm hu hekk, meta qajjem din l-eċċezzjoni ulterjuri, qal li kien qiegħed jagħmel dan bla ħsara tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu. Huwa ċar li, biex isostni l-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu irid jirrinunzja għall-ewwel eċċezzjoni preliminari: ma huwiex xieraq li parti tqanqal eċċezzjonijiet li jmieru waħda lill-oħra u jibqa’ f’kawża mistur wara din l-imġiba ambigwa;

Illi l-Qorti għalhekk se’ jkollha tqis x’inhi n-natura vera tal-kawża li għandha quddiemha. L-għaref difensur tal-attriċi baqa’ jisħaq li l-kawża mhijiex waħda maħsuba taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Huwa minnu li l-imsemmi artikolu ma jissemma mkien u qatt fir-

[22] Art. 732(1) tal-Kap 12
[23] Ara App. Ċiv. **25.10.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Lia et vs Alan Gatt et***

Rikors Maħluf. Madankollu, jekk wieħed jifli sewwa t-talbiet (u l-premessi li jintrabtu magħhom) wieħed ma jistax ma jqisx li l-għan ewlieni tal-azzjoni attriċi (u dan joħroġ ukoll mill-provi li tressqu) huwa dak li jħassar id-deċiżjoni u l-proċess li bih iddawret il-liċenza tal-kummerċ fir-rigward ta' ħanut[24] meta kollox sar minn wara dahar l-attriċi. Dan joħroġ ċar ħafna mit-tielet talba attriċi, marbuta mal-attribuzzjonijiet li jsiru fil konfront tad-Direttur imħarrek fit-talba ta' qabilha;

Illi din il-kostatazzjoni toħroġ mill-fatt li, ftit ġimgħat qabel ma fetħet din il-kawża, l-attriċi kienet fetħet kawża oħra[25] kontra l-istess imħarrkin Tanti u Maria Perrett (sid il-ħanut ta' San Ġiljan) sewwasew biex tħassar il-ftehim li saru minn wara daharha u għall-ħlas tad-danni li hija ġarrbet b'dak li sar. Mela, fil-fehma tal-Qorti, li kieku din l-azzjoni li għandha quddiemha ma saritx bil-għan ewlieni li twaqqa' t-trasferiment tal-liċenza tal-kummerċ (ħaġa li ma setgħetx tintalab fil-kawża l-oħra li għadha għaddejja), ma kien ikun hemm l-ebda raġuni għalfejn l-attriċi tiftaħ ukoll din il-kawża. Kemm hu hekk, l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin Tanti hija dik tal-*litispendentia*. Il-fattur uniku f'din il-kawża li jagħrafha mill-oħra hija l-egħmil attribwit lid-Direttur imħarrek u t-trasferiment min-naħa tad-Dipartiment immexxi minnu tal-liċenza tal-kummerċ;

Illi meta wieħed jara x'tifhem il-liġi bil-kliem "egħmil amministrattiv" għall-finijiet tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, wieħed isib li din tgħodd fiha "l-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, *warrant*, deċiżjoni jew rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika...". Fil-kawża li l-Qorti għandha quddiemha, ħareġ li l-attriċi trid li titħassar id-deċiżjoni (meħuda mid-Direttur imħarrek fuq talba tal-imħarrkin l-oħrajn, jew min minnhom) li biha l-liċenza tal-kummerċ dwar il-ħanut f'San Ġiljan iddawret minn duq isem l-imħarrek Noel Tanti għal fuq isem l-imħarrek Antoine Tanti. Mill-provi dokumentali li tressqu, joħroġ li l-attriċi talbet fuq li talbet kemm-il darba lid-Dipartiment biex ireġġa' lura dik id-deċiżjoni. Meta bdiet tressaq atti ġudizzjarji kontra l-imħarrek, l-Avukat Ġenerali u saħansitra kontra l-Ministru konċernat, din talbithom biex ireġġgħu lura dik id-

[24] Għalkemm l-attriċi tibni l-kawża fuq trasferimenti ta' liċenza dwar żewġt iħwienet, mill-provi u l-eċċezzjonijiet ħareġ li kienet biss il-liċenza tal-ħanut f'San Ġiljan li ddawret favur l-imħarrek Antoine Tanti
[25] Rik. Nru. 633/08JZM

deċiżjoni. It-tweġiba tagħhom kienet li huma ma kinux f'qagħda li jagħmlu dak li talbithom jew li kellhom jagħmlu dan biss wara li jkollhom xi ordni f'dan is-sens b'deċiżjoni ta' qorti;

Illi minn dawn il-kostatazzjonijiet u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li l-azzjoni attriċi hija tabilħaqq waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju bil-ħsieb li twaqqa' dik id-deċiżjoni amministrattiva. Dan jingħad ukoll minkejja li l-azzjoni tressqet ukoll kontra persuni – l-imħarrkin aħwa Tanti – li ma humiex u la uffiċjali pubbliċi u lanqas jirrappreżentaw lil jew jidhru għal xi dipartiment tal-Gvern jew awtorita' pubblika;

Illi ladarba l-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv, allura hemm raġuni għaliex din il-Qorti jmissha tistħarreġ is-siwi tal-eċċezzjoni ulterjuri. Għall-ewwel, l-għaref difensur tal-attriċi kienet qajmet il-kwestjoni dwar jekk din l-eċċezzjoni setgħetx titqajjem mill-imħarrkin Tanti ladarba huma persuni privati u mhux parti mill-amministrazzjoni pubblika. Din il-kwestjoni hija waħda akkademika għaliex ġara li l-istess eċċezzjoni tqajmet ukoll mid-Direttur imħarrek. Madankollu, jibqa' l-fatt li meta f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju li fiha jkunu ġew imħarrkin kemm awtoritajiet pubbliċi u kif ukoll persuni privati titqajjem l-eċċezzjoni li l-azzjoni nfetħet wara ż-żmien, l-effetti li jitnisslu jekk kemm-il darba dik l-eċċezzjoni tkun tajba jolqtu lill-partijiet imħarrkin kollha għaliex, kif ingħad, dik l-eċċezzjoni għandha n-natura ta' eċċezzjoni perentorja li tolqot il-ġudizzju kollu u mhux biss dak relattiv għall-parti li tkun tagħmel mill-awtorita' pubblika. Dan ukoll huwa effett loġiku, għaliex x'siwi jifdlilha azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrativ kontra persuni privati jekk il-parti mħarrka amministrattiva tkun inħelset milli tibqa' iżjed fil-kawża?;

Illi għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni taħt eżami jibda biex jingħad li, għal dak li jirrigwarda azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, il-liġi hija ċara ħafna li tgħid li ż-żmien imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 jgħodd biss għal meta kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju issir biex twaqqa' għamil

amministrattiv taħt xi waħda mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 469A(1)(b). Dak iż-żmien ma jgħoddx meta l-kawża tkun mibnija fuq l-artikolu 469A(1)(a). Fil-każ tal-lum, azzjoni attriċi taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu (1)(b), u b'żieda ma' dan, li din l-azzjoni tressqet għaliex ittieħdet deċiżjoni amministrattiva li minnha l-attriċi tħossha aggravata;

Illi l-imħarrkin qegħdin jgħidu li l-attriċi kienet ilha taf bid-deċiżjoni li ttieħdet u bil-fatt li l-liċenza tal-kummerċ kienet iddawret fuq isem l-imħarrek Antoine Tanti sa mill-2007, jiġifieri meta għamlet it-tiftix u sabet li dan kien sar fl-ewwel xhur ta' dik is-sena. Kull dubju dwar dak l-għarfien jgħib meta wieħed iqis dak li jingħad fil-protest ġudizzjarju tagħha tas-7 ta' Marzu 2007 u l-ittra li ntbagħtitilha f'Jannar tal-2008 mid-Dipartiment li qaltilha ċar u tond li d-Dipartiment ma kienx f'qagħda li jilqa' t-talba tagħha biex ireġġa' lura t-trasferiment tal-liċenza. Minn dan joħroġ li kemm fil-każ tal-għarfien li l-liċenza kienet iddawret u kif ukoll mill-ittra li sar ir-rifjut tat-talba tagħha, iż-żmien biex l-attriċi tara x'passi messha ħadet kontra l-amministrazzjoni pubblika kien beda għaddej. Huwa minnu li f'Ġunju tal-2008, l-attriċi bagħtet ittra uffiċjali wkoll, imma dan ma jibdel xejn minn dak li kien seħħ qabel;

Illi dan qiegħed jingħad għaliex huwa llum il-ġurnata stabilit, li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[26]. Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-egħmil amministrattiv ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi. Għalhekk l-ittra uffiċjali li l-attriċi bagħtet fid-19 ta' Ġunju, 2008, ma setgħetx tħassar l-att ġudizzjarju (il-protest) li kienet bagħtet aktar minn sena qabel;

---

[26] Ara fost l-oħrajn, P.A. RCP **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Żammit vs Awtorita' tal-Ippjanar et*** (mhix pubblikata) ; P.A. RCP **5.4.2001** (in parte) fil-kawża fl-ismijiet ***David Crisp vs Korporazzjoni Telemalta*** (mhix pubblikata) ; u App. Ċiv. **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Zamboni et noe vs Direttur tal-Kuntratti et*** (Kollez. Vol : **LXXXVI.ii.313**)

Illi l-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn egħmil amministrattiv issir taf b'dak l-egħmil li jkun. Il-liġi ma tgħidx li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali miktub dwar id-deċiżjoni[27]: tgħid biss li ż-żmien ta' sitt xhur jibda jgħaddi minn dak inhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-egħmil, liema data tiġi l-ewwel;

Illi fil-każ tal-lum, joħroġ ċar li l-attriċi kienet żgur mgħarrfa b'dak li ġara żmien sewwa qabel ma fetħet il-kawża u li dak iż-żmien kien jaqbeż is-sitt xhur imsemmi fil-liġi;

Illi għalhekk il-Qorti tasal għall-fehma li din l-eċċezzjoni ulterjuri hija tajba u sejra tilqagħha. Madankollu, minħabba li l-istess eċċezzjoni tqajmet wara li l-kawża kienet għoddha waslet biex tingħalaq, il-Qorti tħoss li din iċ-ċirkostanza għandha tinċidi fuq il-kap tal-ispejjeż, għaliex fis-sewwa (min-naħa tal-imħarrek Direttur Ġenerali) uħud mill-fatti li l-imħarrkin inqdew bihom biex sejsu l-eċċezzjoni ulterjuri setgħu jew messhom kienu jafu bihom saħansitra sa mill-bidu tal-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri** tal-imħarrkin u ssib li l-azzjoni attriċi tressqet wara ż-żmien mogħti lilha mil-liġi;

**Teħles lill-imħarrkin** milli jibqgħu aktar fil-kawża; u

**Tordna** li, għar-raġunijiet fuq imsemmija, **l-ispejjeż tal-kawża** jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

---

[27] Ara P.A. GV **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et***

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------